# FIL-PRIM'AWLA

# TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 26 TA'FRAR 2019.**

## Rikors Nru. 53/2019GM

**APS BANK LIMITED**

**VS**

**AGIUS PHOTOGRAPHY SERVICES LIMITED, GARRETH AGIUS**

**RODIANNE AGIUS, VINCENT AGIUS U PAULINE AGIUS**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

Rat ir-Rikors ġuramentat imressaq fit-22 ta' Jannar 2019 minn APS Bank Limited fejn espona bir-rispett:

1.) Illi s-soċjeta' intimata Agius Photographic Services Limited hija debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fis-somma ta' mija u disgħa u disgħin elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u sittin ċentezmu (€199,982.61) rapprezentanti bilanc komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lill-istess socjeta' intimata mill-Bank rikorrent in kwantu s-somma ta' sebgħa u erbgħin elf erba' mija u sebgħa u disgħin Ewro u erbgħin ċentezmu (€47,497.40) rapprezentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account I'* bin-numru 2000086245-7 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS1]; is-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u sittax-il Ewro u wieħed u għoxrin centezmu (€17,416.21) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account II'* bin-numru

2000095969-4 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS2]; is-somma ta' wiehed u tmenin elf u mitejn Ewro u wiehed u tmenin ċentezmu (€81,200.81) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal- '*Current Account'* bin-numru 2000085908-8 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bhala Dok. APS3]; is-somma ta' erbgħa u tletin elf erba' mija u sbatax-il Ewro u sitta u sebgħin centezmu (€34,417.76) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal- *'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000115884-8 [*Statement of Account* anness u mmarkat bħala Dok. APS4]; is-somma ta' tnax-il elf disa' mija u tnejn u sittin Ewro u zewg centezmi (€12,962.02) rapprezentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000115885-9 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS5] u s-somma ta' sitt t'elef erba' mija u tmienja u tmenin Ewro u wieħed u erbgħin centezmu (€6,488.41) rapprezentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000128520-1 [*Statement of Account* hawn anness u mmarkat bħala Dok. APS6] u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-*'Loan Account I'* bin-numru 2000086245-7, tal-*'Loan Account II'* bin-numru 2000095969-4 u tal-*'Current Account'* bin-numru 2000085908-8 mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

2.) Illi l-intimati l-oħra u cioe' Garreth Agius u Rodianne Agius u Vincent Agius u Pauline Agius ikkostitwew ruħhom bħala garanti solidali mal-imsemmija socjeta' intimata Agius Photographic Services Limited favur is-soċjeta' rikorrenti u dan bħala garanzija tal-hlas lura tal-imsemmija facilitajiet u għall-ħlas tal-imgħaxijiet relattivi u dan ai termini tal-*Guarantee Forms* hawn annessi bħala Dok. APS7 u Dok. APS8;

3.) Illi għalhekk l-intimati kollha, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' mija u disgħa u disgħin elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u sittin ċentezmu (€199,982.61) oltre l-imgħax ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

4.) Illi l-imsemmi ammont komplessiv huwa dejn cert, likwidu u dovut mill-intimati lis-soċjeta' rikorrenti u fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tiġi deċiza bid-dispensa tas-smiegħ, billi fil-fehma ta' l-istess soċjeta' rikorrenti, l-intimati m'għandhom l-ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-hlas tal-imsemmi ammont komplessiv;

5.) Illi għalkemm l-intimati ġew interpellati sabiex iħallsu l-ammont komplessiv hawn fuq imsemmi permezz tal-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bħala Dok. APS9, huma baqgħu inadempjenti;

6.) Illi s-soċjeta' rikorrenti intavolat Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-istess intimati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat;

7.) Illi r-rapprezentant tas-soċjeta' rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

8.) Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant, in vista tal-premess, is-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha, dispensat is-smiegħ tal-kawza a tenur ta' l-Artikolu 167 *et seq.* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

(1) Tiddikjara li l-intimati, b'mod solidali bejniethom, huma debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma komplessiva ta' mija u disgħa u disgħin elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u sittin ċentezmu (€199,982.61) in kwantu għas-somma ta' sebgħa u erbgħin elf erba' mija u sebgħa u disgħin Ewro u erbgħin ċentezmu (€47,497.40) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account I'* bin-numru 2000086245-7; is-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u sittax-il Ewro u wieħed u għoxrin ċentezmu (€17,416.21) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Loan Account II'* bin-numru 2000095969-4; is-somma ta' wiehed u tmenin elf u mitejn Ewro u wieħed u tmenin ċentezmu (€81,200.81) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal- '*Current Account'* bin-numru 2000085908-8; is-somma ta' erbgħa u tletin elf erba' mija u sbatax-il Ewro u sitta u sebgħin ċentezmu (€34,417.76) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000115884-8; is-somma ta' tnax-il elf disa' mija u tnejn u sittin Ewro u zewg ċentezmi (€12,962.02) rapprezentanti bilanc ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000115885-9 u s-somma ta' sitt t'elef erba' mija u tmienja u tmenin Ewro u wieħed u erbgħin centezmu (€6,488.41) rapprezentanti bilanċ ta' debitu relattiv mal-*'Interest Disposal Account'* bin-numru 2000128520-1 u dan oltre l-imgħax fir-rigward tal-*'Loan Account I'* bin-numru 2000086245-7, tal-*'Loan Account II'* bin-numru 2000095969-4 u tal-*'Current Account'* bin-numru 2000085908-8 mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 2018 sad-data tal-pagament effettiv;

(2) Tikkundanna u tordna lill-intimati, b'mod solidali bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma komplessiva ta' mija u disgħa u disgħin elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u sittin centezmu (€199,982.61).

Bl-ispejjez kontra l-intimati in solidum bejniethom, inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numru 3828/18 u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Frar 2019, fejn wara li rat l-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-kawża għas-seduta tas-26 ta' Frar, 2019.

Rat illi il-konvenuti ġew notifikati bir-Rikors Maħluf fit-8 ta' Frar, 2019.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Frar 2019 fejn il-Qorti għalkemm deher il-konvenut assistit mill-avukat tiegħu, li għamel xi sottomissjonijiet, rat li ma kinitx sodisfatta li hemm difiża x'titressaq;

**Ikkunsidrat;**

Illi wara li rat is-subartikolu (1) tal-Artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement magħrufa bħala bil-giljottina, din il-Qorti hi sodisfatta li s-soċjeta` attriċi ppruvat il-każ tagħha skont il-liġi.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

1. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta flimkien mal-konvenuti l-oħra huma debituri tas-soċjetà attriċi fis-somma komplessiva ta' mija u disgħa u disgħin elf, disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€199,982.61) rappreżentanti bilanċ komplessiv ta' faċilitajiet ta' self mogħtija lil-istess soċjeta' intimata mill-Bank rikorrenti.

2. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Agius Photographic Services Limited (C47106) flimkien mal-konvenuti l-oħra b'mod solidali bejniethom sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi APS Bank Limited (C2192) is-somma ta' mija u disgħa u disgħin elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€199,982,61).

Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti solidament bejniethom.

Onor. Imħallef

Grazio Mercieca